17 ta' Lulju, 1945.

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

Onor. Prof. Dr. Albert V. Bernard, C.B.E., M.D., D.P.H.

*versus*

Joseph Cassar

**Istituti Karitatevoli — Alimenti — "Negotiorum Gestio".**

*Meta l-Gvern jikkura u jmantni persuna li ma ghandhiex mezzi biex thallas f'wiehed mill-istituti karitatevoli, il-Gvern jista' jirrepeti dawk l-alimenti u spejjez tal-kura minn ghand il-parenti ta' dik il-*

*persuna li minn għandhom dik il-persuna tista' tottjeni l-alimenti bid-dritt li takkordalha l-liġi. F'dan il-każ il-Gvern jaġixxi bħala "negotiorum gestor" tal-persuni jew parenti bekk obligati, u kultant anki b'mandat espress jew taċitu.*

Il-Qorti, — Rat it-talba ta' l-attur sabiex, wara li jingħataw il-provvedimenti u jsiru d-dikjarazzjonijiet meħtieġa, billi l-konvenut "in solidum" ma' oħrajn kien tenut għall-alimenti lejn ħuh Saverio Cassar li kien rikoverat fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ; u billi l-attur nomine għandu jieħu s-somma ta' £27. 12. 6 għall-kura u mantenimentt ta' l-istess Saverio Cassar bir-rata ta' 6d. kuljum fissata mill-Kummissjunarji tal-Karità għaż-żmien mill-ewwel ta' Jannar 1938 sad-9 ta' Jannar 1941; jiġi l-istess konvenut kundannat iħallas lill-attur nomine s-somma fuq indikata ta' £27. 12. 6 għar-raġunijiet fuq imsemmija. Bl-imgħax legali mis-16 ta' April 1943 u bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' dik id-data;

***Omissis;***

Tikkunsidra;

Illi l-kwistjoni li ġiet sollevata — jekk min huwa obligat jippresta l-alimenti lil min ikun ġie kurat u alimentat mill-Gvern hux tenut jirrimborsa l-Gvern mill-ispiża u mill-kura li dana jkun sostna għal dik il-persuna — dejjem ġiet deċiża mit-tribunali tagħna fis-sens illi meta l-Gvern jikkura u jalimenta persuna li ma jkollhiex mezzi biex tħallas, imma jkollha parenti li jistgħu jħallsu u li minn għandhom dik il-persuna tista' tottjeni l-alimenti bid-dritt li l-liġi takkordalha, il-Gvern jikkura u jalimenta lil dik il-persuna mingħajr ebda obligu u għandu jiġi kunsidrat bħala terza persuna li tippresta l-alimenti lill-barrani "animo repetendi"; il-Gvern f'dan il-każ jaġixxi bħala "negotiorum gestior", u kull tant b'mandat taċitu jew espress. Ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża "Onor. L. Benjacar ne. vs. Angelo Galdes" (Kollez. Vol. XXIV—II—132) :— "Difatti non può ravvedersi che un mandato implicito fatto dal parente che presti in favor del Governo la garanzia pel mantenimento di un suo parente, ed anche senza quella garanzia, essendo egli uno di quelli cui la legge impone l'obbligo degli alimenti; se sa che altri si è sostituito a lui nell'adempimento di quest'obbligo, incaricandosi di quella prestazione che a lui incomberebbe, si verifica ugual-

mente il mandato tacito, e per conseguenza il rimborso va chiesto in questa ipotesi colla "actio mandati"; diversamente al Governo compete sempre la "actio negotiorum gestorum";

Tikkunsidra;

Illi l-konvenut huwa hu l-imsemmi Saverio Cassar ikku rat u alimentat mill-Gvern fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ, u kwindi huwa obligat jissomministra l-alimenti lill-istess Saverio Cassar meta dana spiċċalu għalu kollu, fil-każ ta' nuqqas ta' persuni oħra obligati skond il-liġi li jissomministraw l-alimenti lill-istess Saverio Cassar (Art. 21, Ordinanza I ta' l-1873);

Illi l-konvenut ma jiddimostrax l-eżistenza ta' persuni obligati għall-prestazzjoni ta' l-alimenti lill-imsemmi Saverio Cassar qabel il-konvenut u ħutu;

Illi l-obligazzjoni ta' l-aħwa, meta hemm lok għaliha, kif hemm f'dan il-każ, hija solidarja (art. 21 capov. Ord. ċit.);

Tikkunsidra;

Illi ma jistax ikun hemm kwistjoni fuq l-ispiża ġornaljera meħtieġa għall-alimenti ta' l-imsemmi Saverio Cassar, ċertament wisq superjuri għall ammont ta' 6d. kuljum mitlub mill-attur nomine;

Illi għalhekk fadal biss li wieħed jara jekk il-mezzi tal-konvenut humiex tali li jistgħu jħallsu r-rata mitluba fiċ-ċitazzjoni.............;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi għat-tenur tat-talbiet attriċi fis-sens li tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur nomine s-somma ta' £18. 8. 4 għall-alimenti u kura ta' l-imsemmi Saverio Cassar fl-Isptar tal-Mard tal-Moħħ fil-perijodu ndikat fiċ-ċitazzjoni, bir-rata ta' 4d. kuljum, u teskludi l-attur nomine minn kull somma akbar;

L-ispejjeż jitħallsu terz ($\frac{1}{3}$) mill-attur nomine u żewġ terzi ($\frac{2}{3}$) mill-konvenut.